MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 688/2002

**Avviz Nru 688/02 – DM**

**Industrial Motors Limited**

**Vs**

**I.T.C. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta’ elfejn, seba’ mija tmienja u disghin liri Maltin u wiehed u disghin centezmi (Lm2,798.91), prezz ta’ petrol u /jew diesel mibjugh u kkonsenjat lilhom u dan kif jidher mir-rendikont anness mal-avviz u mmarkat Dok ‘1’.
Bl-imghaxijiet legali minn Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-atturi permezz ta’ liema huma cedew is-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez u t-talba ghall-imghaxijiet.

Ghaldaqstant billi l-konvenuti ma dehrux biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni issib illi t-talba attrici ghall-imghaxijiet kif ukoll ghall-ispejjez hija gustifikata.

Ghaldaqstant qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi bl-imghax legali fuq il-kapital ta’
elfejn, seba’ mija tmienja u disghin liri Maltin u wiehed u disghin centezmi (Lm2,798.91), b’effett mill-1 ta’ Lulju 2001u tikkundanna lill-konvenuti hallsu l-ispejjez tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------